MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 524/2008

**BLOKRETE LIMITED** (C-263)

**vs**

Anthony **VASSALLO** *proprio* eżerċenti l-kummerċ bl-isem Tony Vassallo Construction Ltd u Maria Dolores Vassallo mart l-istess Anthony Vassallo, għal kull interess li jista' jkollha.

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit- 23 ta' Mejju, 2008, li bih is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrkin, solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta' tnejn u tletin elf ħames mija u disgħa u disgħin euro u ħames u erbgħin ċenteżmi (€32,599.45) li tirrappreżenta prezz ta' xogħlijiet

ta' *piling* eżegwiti u materjal forniti lilhom mill-Kumpannija attriċi fuq talba tagħhom jew ta' min minnhom. Talbet ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-intimati li naqsu li jidhru meta ssejħet il-kawża, u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet lir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja ta' l-intimati tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' €32,599.45 fuq imsemmija rappreżentanti x-xogħlijiet u l-prezz tal-materjal fuq imsemmija, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-28 ta' April, 2008, sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) **Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża.**
**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------